# Baned u Mużika mill-Ġrajja tas-Seklu XIX

kitba ta' Lorenzo ZAHRA



Il-baned mużikali bil-ħoss tagħhom iferrħu lill-poplu u jqajmu ħafna entużjażmu. F'dawn l-aħħar snin żdied ġmielu n-numru ta' dawk li studjaw xi strument u jfittxu li jdoqqu ma' xi banda. Xi drabi wieħed malajr jista' jgħaqqad banda billi jiġbor għadd ta' mużikanti u jifforma (jew jikri) banda. Naturalment banda tkun iffurmata meta mhux biss ikollha l-każin fejn isir it-tagħlim tal-mużika, imma wkoll ikollha l-istrumenti tagħha. Il-mużika fil-knejjes konna nisimgħu biha fi żmien il-kavallieri meta fil-knejjes konventwali ta' l-Ordni, f'ċerimonji speċjali fejn kien ikun hemm xi forma ta' mużika.

L-ewwel baned mużikali li jissemmew fil-ġrajjiet tagħna, kienu dawk tax-Xwieni ta' l-Ordni. Dawn jissemmew sa minn żmien il-Gran Mastru Vilhena (1722-1736). Aktar tard ġie li ħadu sehem f'xi festi reliġjużi tagħna. Hekk fil-Birgu, fejn kienet il-flotta ta' l-Ordni ġie li l-banda tax-xwieni ħadet sehem fil-purċissjonijiet. Dan nafuh minn kitba fl-arkivju ta' San Lawrenz fejn il-kappillan kien talab lill-ewwel Kummissarju Ingliż hekk kif dan ħa t-tmexxija tal-gżira, biex jibgħat banda kif kien isir fi żmien l-Ordni.

Ġara però li billi fl-1813 kien hawn il-kolera, il-parroċċa tal-Birgu għamlet wegħda ta' purċissjoni bit-talb, u l-Isqof ordna purċissjoni bir-Ružarju u ma riedx aktar il-banda - (*Memorie* Lanzon, AAM, A.C 1825-27). Għall-festa ta' Korpus fir-Rabat fl-1795 kien hemm wkoll is-sehem ta' banda - (In-Nazzjon, 4/11/1998). Huwa possibbli li fi żmien l-Ordni, il-Gran Mastru kien jilqa' xi talbiet biex il-banda tax-xwieni tieħu sehem f'xi parroċċi tal-Maltin.

Il-wasla Ingliża fostna ġabet reġimenti li kien ikollhom il-baned. Naqraw fil-ġurnal *'il-Filologo'*, (7/10/1840) li fil-belt, fi Pjazza San Ġorġ daqqet il-Banda tal-*Highlanders Regt.* taħt is-Surmast Malti Anġlu Caruana. Dak iż-żmien fostna kien hawn is-Surmast Taljan Domenico Amore li kien ġie Malta fl-1820 (*Mediterraneo*, 9/5/1836). Fl-istess sena, *'il-Filologo'* jirraporta li fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt ħadet sehem banda militari Ingliża, anzi fil-ġurnali naqraw ukoll li xi suldati Ingliżi kienu joġġezzjonaw li jdoqqu fil-festi reliġjużi tagħna meta huma kienu protestanti prattikanti - (*The Snatch*, July 1840, p. 40).

Fil-Birgu fl-1838 jissemma wkoll il-fatt, li meta Xandru Farrugia lesta l-istatwa tal-Kunċizzjoni, din ġiet meħuda l-Birgu u milqugħa minn banda. Dakinhar inzertat għaddejja r-Reġina Adelajde meta ix-xatt kien mimli attività tal-flotta Ingliża, din waqfet tara l-purċissjoni li kienet bil-banda - (*Scientia*, Vol. XXIV, 1963).

Mela propju dik il-ħabta ġa kellna surmastrijiet Maltin imexxu baned militari Ingliżi u kellna baned tagħna. Hekk Philip Galea kien imexxi il-banda tal-*1st*. *Regt.* tar-*Royal Scots* kif wkoll tal-*Munster Fusiliers*. Kellna wkoll lis-Surmast Bartoli tal-banda tar-*Royal Welsh Regt.*, u lis-Sur Manwel Farrugia tal-banda tas-*69th*. *Regt.* - (*Mediterraneo*, 1848; *Osservatore Maltese*, 3/5/1844; *Patria* 12/2/1923). Allura jista' jonqos li dawn kienu jgħallmu lil xi Maltin biex hekk aħna jkollna l-baned tagħna?

Rolandi jgħid li l-baned Maltin bdew fl-1844. Fl-1849 kellna l-formazzjoni ta' *'la Società Filarmonica'* li kienet tesegwixxi programmi ta' mużika fil-Berġa ta' Provenza, fil-Belt. Fl-istess sena meta tqegħdet l-ewwel ġebla tal-Baċir Nru. 1 f'Bormla, kien hemm banda ddoqq - (*Malta Times*, 2/7/1844 u 6/8/1844). Anke f'Tas-Sliema fl-istess sena naqraw fil-ġurnali li kien ikun hemm baned mużikali - (*Mediterraneo*, 31/1/1844 u l-*Osservatore Maltese*, 3/5/1844). Fiż-Żejtun kien tfaċċa l-grupp mużikali mmexxi mis-Surmast Diacono - (*Mediterraneo*, 12/2/1844). Fil-Palazz ta' Glammalvo f'Tas-Sliema kienu jsiru wkoll kunċerti b'25 mużikant, ilkoll Maltin - (*Malta Times*, 10/8/1847).

Propju meta ġie fostna l-ewwel Gvernatur Kattoliku (fl-1847) il-Maltin għamlulu festa u f'dik l-okkażjoni nistgħu ngħidu li fil-Belt sar l-ewwel palk tal-banda. Mela la sar il-palk, ma setgħax jonqos li kienu l-baned Maltin li daqqew fuqu. Il-Gvernatur li ġie warajh - Reid (1851-1858) - kien jinkoraġġixxi l-każini. Dawn fil-Kottonera kienu jissejħu 'Incontri' (postijiet fejn jiltaqgħu n-nies). Jidher ukoll li fl-1851 bdejna nisimgħu l-marċi funebri waqt il-funerali. Fil-Furjana sar funeral militari tal-Kaptan Thomas Aknox ta' frejgata Ingliża

li kien akkumpanjat bil-banda. Funeral militari ieħor kien fil-Birgu ta' Uffiċjal Ingliż li sar mill-Palazz ta' l-Inkwiżitur tal-Birgu għaċ-ċimiterju tar-*Rock Gate* f'Bormla - (*Malta Times*, 24/6/1851).

Fl-1852 f'Bormla l-Patrijiet Tereżjani kienu għamlu festi bis-sehem ta' banda - (L'Ordine, 29/5/1852). Dik il-ħabta għaqdiet mużikali fostna jidher li bdew ifaqqsu. Kellna l-Banda ta' Flamingo li fl-1844, ħadet sehem fil-karnival tal-Belt. Din il-banda kienet spiss iddoqq ukoll fil-Palazzo Parisio, illum l-uffiċċju tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Fil-festi reliġjużi kien jissemma s-sehem tal-baned, però ma kienx jissemma isem ta' baned imma kien jissemma biss is-Surmast li kien imexxihom. Hekk fl-1858 fil-festa tal-Karmnu tal-Belt il-banda kienet taħt Domenico Amore. Il-Kan. Dun Ġammarì Farrugia jgħid li kien grupp mużikanti tal-Birgu.

Dik il-ħabta fil-Kottonera, kien hemm għadd ta' reġimenti Ingliżi alloġġjati fis-swar fejn bnewlhom barraks apposta, u kull nhar ta' Ħadd fl-Isla u fi Pjazza Santa Margerita fil-Birgu kien ikun hemm baned militari jdoqqu u bosta nies kienu jinġabru jisimgħuhom għax dan kien l-uniku divertiment dik il-ħabta. Il-mużika fil-knejjes kienet tispikka wkoll dik il-ħabta, u kellna l-mużikanti tas-surmastrijiet bħal Nani, Bugeja, u Diacono, li kienu jimlew il-festi, però fl-1853 l-Isqof ried jirregola l-mużika fil-knejjes u ordna li ċerti strumenti ma jintużawx fil-knejjes - (*Filantropo Malt.*, 30/7/1855).

Fil-Mellieħa għall-festa tal-Vitorja ta' l-1855 kien hemm banda mmexxija minn Carmelo Azzopardi u oħra taħt Tumas Galea - (*L'Ordine*, 20/7/1855). Fl-Isla, fl-1856 kien hemm żewġ baned li l-ġurnali jsejħulhom '*Borghesi*' (tal-bliet). F'April 1859 kienet banda diretta minn Domenico Amore li daqqet fil-festa ta' San Publiju fil-Furjana - (*Il-Filantropo*, 10/5/1859).

F'dik is-sena wkoll għall-festa tal-Karmnu fil-Belt kien iżżanżan palk għall-orkestra fi Pjazza San Ġorġ - (*Malta Observer*, 20/7/1859). Dik il-ħabta fil-Belt Valletta, fil-Barrakka ta' Fuq, spiss kien ikun hemm il-Banda militari tal-*47th Regt.* L-1862 kien il-bidu għall-Banda Pinto ta' Ħal Qormi u oħra f'Għawdex bl-isem ta' 'la Stella' - (*L-Orizzont*, 16/7/1975).

Kienet l-1866 li l-banda ta' Domenico Amore ħadet sehem fil-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu, tant li l-istess Surmast ikkompona marċ funebri f'dik l-okkażjoni. Francesco Zammit fiż-Żurrieq kien ta bidu għall-Banda Santa Katerina - (L'Ordine, 21/4/1865). L-istess ġurnal jgħid li kien hemm baned fil-festi ta' Bormla, ta' San Pawl tal-Belt u fil-Furjana bla ma jsemmi ismijiet ta' baned.

Ġa rajna li baned militari kienu wkoll jieħdu sehem fil-festi tagħna. Dan baqa' jsir tant li fir-Rabat fil-festi sollenni ta' Korpus fl-1867-69 kien hemm is-sehem tagħhom - (*L'Ordine*, 3/6/1869). Fl-1870, fil-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt ħadet sehem il-Banda Croce di Malta ta' Tas-Sliema - (*Corr. Merch. Malt.*, 21/4/1870). Fil-Belt u fl-Imsida tfaċċaw xi każini. Fil-Belt wieħed kien l-*Unione* u l-ieħor *San Paolo*. Dak fl-Imsida kien *La Pace*. Dawn kienu jagħmlu tombla biex ikunu jistgħu jixtru strumenti jagħmlu kunċerti - (*op. cit.*, 21/4/ u 31/1/1870).

**Il-Banda Nicolò Isouard** tal-Mosta kellha l-bidu tagħha fl-1871, u sena wara dik ta' Santa Elena f'Birkirkara. Hawn irrid insemmi l-fatt li fis-sena ta' wara, fi Pjazza San Publiju fuq il-Fosos tal-Furjana tliet baned militari (*10th Brigade Royal Artillery*, u *13th and 52nd Infantry*) daqqew f'banda waħda u kienu nġabru ħafna nies jaraw dan l-ispettaklu bandistiku -(*Portafoglio*, 9/8/1872). Fl-Isla ġa kien hemm żewġ baned li kienu saru wisq popolari, waħda taħt Pinu Galea u l-oħra taħt Millo u hawn bejniethom kienet daħlet il-pika bejniethom meta jdoqqu fix-Xatt ta' l-Isla - (*C.M.M.*,11/6/1873).

Kien fl-1873 li fil-Belt Valletta dehru ż-żewġ baned: dik ta' *La Vallette* taħt Carabott u dik *Nazionale Vincitrice* (illum *King's Own*) taħt Borg. Anke hawn ma damx wisq ma daħlet il-pika u beda l-inkwiet billi bdew il-piki u sentejn wara l-Isqof Pace Forno kien ħareġ pastorali kontra dawn il-piki - (*op. cit.*, 7/8/1875).

Fl-1876 f'Malta kellna l-vista rjali tal-Prinċep ta' Wales, allura kienet okkażjoni għall-baned tagħna li jieħdu sehem fil-festi, anzi kienu huma li jagħmlu l-festi. Ħadu sehem 15-il banda, jiġifieri l-baned li kellna dik il-ħabta. Il-piki iżda ma raqdux. Fil-Kottonera l-programmi kienu jsiru fi Pjazza Santa Margerita u kienu dawn li qajmu l-kwistjoni tal-limiti parrokkjali - jekk Pjazza Santa Margerita tagħmilx mal-Birgu jew ma' Bormla.

Għal bidu l-baned tagħna kienu jdoqqu weqfin u mdawrin bin-nies jisimgħu. Iżda issa bdew idoqqu meta jimxu (jimmarċjaw) u l-ewwel marċi kienu sempliċi msejħa '*trops*'. Fosthom il-marċ li kull sena jindaqq xi wieħed nhar Kristu Rxoxt fl-Għid il-Kbir fil-Birgu). Fl-1876, il-Banda tal-Birgu mmarċjat għall-ewwel darba b'dan it-tip ta' '*trops-march*' u mxiet lejn Santa Liberata - (*C.M.M.*, 3/8/76).

Fi Pjazza San Ġorġ il-Belt kull nhar ta' Ħadd kien ikun hemm xi banda li tiġbor bosta nies u tispiċċa bl-applawsi, ċapċip u gassijiet u briju tal-partitarji. Ġieli kien hemm okkażjonijiet meta l-istess Gvernatur Straubenzee kien jistieden lill-bandisti għal bibiti fil-Palazz - (Il-Malta, 29/11/1877).

Il-Banda *Nazionale Vincitrice* tal-Belt bdiet mill-1877 tmur Għawdex għall-festa ta' San Ġorġ bil-vapur 'Oscar', tradizzjoni li waslet sa żmienna - (*Portafoglio*, Mejju 1877) u propju f'dik l-istess sena l-Banda *La Vallette* ħadet sehem l-ewwel darba fil-Ġimgħa l-Kbira li ssir minn Ta' Ġieżu - (Il-Malta,

9/4/1877). Ftit wara, fl-1882, l-istess Banda sabet ruħha fl-inkwiet mal-Pulizija, iżda fil-kawża ħarġet libera. Hawn interessanti nżidu li l-istess Banda *La Vallette* kienet tieħu sehem fil-festa ta' San Ġwann li kienet issir mill-Kon-Katidral - (*L'Ordine*, 23/6/1879). F'dik is-sena 1879, ċertu Sinjur Pizzuto kien ġabar grupp ta' bandisti fil-Ħamrun u hekk ta' bidu għall-Banda - (Il-Ħabbar, 1879).

Fl-1880 ħames baned militari fi Pjazza San Ġorġ għamlu kunċert li jibqa' jissemma taħt Filippu Galea. Din id-darba kienu ħames baned militari li daqqew f'banda waħda fi pjazza maħnuqa bil-poplu - (*Vessillo Cattolico*, 20/2/2880).

Il-Banda *Leone* fir-Rabat Għawdex fl-1881 kellha l-bidu tagħha billi rreġistrat ruħha b'att legali ta' twaqqif. Dehru wkoll fl-istess sena l-Baned *La Concordia* fiż-Żurrieq, oħra f'Ħaż-Żabbar u sentejn wara t-tnejn ta' Ħal Luqa - (L-Orizzont, 17/7/1975). In-*Nazionale Vincitrice* kienet laqgħet f'Malta lil Kardinal Lavigerie imma minkejja li ma kinitx iddoqq f'xi purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet ħarġet b'kunċert klassiku u daqqet l-i*Stabat Mater* ta' Rossini - (Il-Malta 11/7/1882).

Jekk wieħed jara l-lista tal-baned li kellna fl-1884 fil-*Guida Generale* jsib li kien hawn il-baned f'dawn il-postijiet: Bormla, Birgu, Birkirkara, il-Belt, il-Furjana, l-Isla, **il-Mosta**, Ħal Qormi, ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun u ż-Żurrieq. Il-Banda *Nazionale Vincitrice* tal-Belt fl-1885 bidlet l-isem għal dak ta' *Prince of Wales*. Il-banda l-oħra *La Vallette* taħt Miruzzi fl-1885 irnexxielha tagħmel kunċert fit-Teatru Rjal meta kien l-impressarju Nani - (*Malta Standard*, 5/11/1885).

Kienu l-baned li taw il-bidu fostna biex issir il-Festa Nazzjonali. Fil-Birgu, il-Banda Unione tal-Birgu ħadet l-inizjattiva tiċċelebra r-Rebħa ta' l-Assedju l-Kbir li wara żviluppat bħala 'Jum Nazzjonali' u dan meta ma kienx permess mill-awtorità, imma kawża tal-partiti tal-festi fil-Birgu, din il-festa sfumat u nġarret lejn il-Belt Valletta u xterdet ma' bnadi oħra. Għall-festa tal-Ġimgħa l-Kbira tar-Rabat ta' l-1889 kienu ħadu sehem iż-żewġ baned tar-Rabat - (*Malta Standard*, 20/4/1889).

Lejn l-aħħar tas-seklu 19 il-festi kienu żdiedu ġmielu bl-għadd ta' baned. Fil-Furjana għall-festa ta' San Publiju fl-1890 kien hemm saħansitra 5 baned, li kienu: ta' Ħal Qormi, ta' Ħaż-Żabbar, il-*Cavallieri di Malta* ta' Tas-Sliema u żewġ baned militari - (*Public Opinion*, 15/4/1890).

Is-sena ta' wara l-baned Maltin bdew bis-safar u bil-ġiti lejn Tunes u Sqallija. Fl-1892 għall-festa tal-Bambina fl-Isla ħadu sehem il-Baned San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt is-Surmast Toni Agius; ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, u d-*Duke of Edinburgh* tal-Birgu. Din il-Banda spiċċat billi meta temmet il-programm, qabel daqqet il-'God Save' kif kien l-użu, daqqet Innu Nazzjonali u wara l-Innu tal-Banda *Sailor Prince* - (Il-Malta, 6/9/1892).

Fl-1893 saru festi tal-Ġublew tal-Papa b'ħafna baned jieħdu sehem. Fir-Rabat ta' l-Imdina l-Kunsillier Tabone ħadem ħafna għall-unjoni bejn il-baned Rabtin biex flimkien idaħħlu l-Festa Nazzjonali bit-titlu tal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta - (Il-Malta Tagħna, 22/7/1893 u 1/4/1893). Fl-istess sena (1893) dehret il-Banda *San Gaetano* tal-Ħamrun li daqqet ukoll fl-Imsida. Dehret ukoll il-Banda *Lourdes* fil-Qrendi.

Nistgħu ngħidu li dan is-seklu wasal fi tmiemu billi nħolqot il-gara għall-aħjar banda. Din saret fl-1895. Daħlu għal din il-kompetizzjoni ta' l-aħjar esekuzzjoni dawn il-baned: il-*La Vallette*, il-*Prince of Wales* (illum *King's Own*), id-*Duke of Edinburgh* (illum Banda Vittoriosana San Lawrenz), id-*Duke of York* (illum *Prince of Wales* tal-Birgu) u ta' l-Isla (illum *Queen's Own*). Saru regolamenti u ntgħażlu l-ġudikanti. Il-baned daqqew fi Pjazza Reġina tal-Belt Valletta. Bdiet l-ewwel id-*Duke of Edinburgh* u komplew l-oħrajn. Iżda r-riżultat ma ħareġ qatt! In-nies kienu mitlufa wara l-baned u kienu qalu li jistħoqqlu l-premju min ħareġ l-ewwel!

Kien l-aħħar tas-seklu 19 u l-gvern kolonjali beda biex jagħti permessi għat-tombla biex jgħin il-każini u l-baned u biex jgħin il-qasam kulturali. Il-baned kienu l-unika rikreazzjoni tal-poplu u kien wara ħafna ilmenti li ngħatat din il-konċessjoni.


Creation Butcher

Prop: Stephen Pace

**Autumn Street, Mosta. Tel: 2143 3984**

*For Fresh and Frozen Meat*

FREE DELIVERY FROM MONDAY TO THURSDAY ONLY